MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 20

4 ta' Mejju 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 20 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-minuta 4.3.7. **(Ref: A/4/10)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.3.7. Dwar it-Torri taċ-Ċantar, is-Sindku għarraf li dan ser jittieħed lura mill-Gvern, filwaqt li ebda raba li qed jinħadem m'huwa ser jintmess.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 19 li saret fit-13 ta' April 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Skema dwar Aċċessibilità Aħjar fil-Lokalitajiet (F/1/7)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie nfurmat li l-*Contracts Manager* ħejja pjanta li turi kif tista' issir rampa li tagħti minn Triq il-Kappillan Magri għad-daħla tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u oħra li turi proposta sabiex issir latrina għall-persuni b'diżabilità kif ukoll kamra ta' l-attendant fuq il-bejt ta' dik eżistenti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.1.3. Wara li l-Kunsill ra ż-żewġ pjanti kien hemm qbil li l-proposta dwar il-latrina għandha għalissa tinżamm pendenti, peress li tista' tagħti dehra kerha lill-post. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-applikazzjoni għandha ssir fil-każ tar-rampa li tagħti għax-xelters, wara li l-*Contracts Manager* iħejji stima dwar l-ispiża nvoluta.

### 2.2.1. Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali (2007-2013):

- **Miżura 313: Titjib fil-kwalità ta' ħajja f'inħawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-Ekonomija Rurali; u**
- **Miżura 323: Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali. (P/10/1/Vol III).**

2.2.2. Sar aċċenn għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u ntqal fil-21 ta' April 2009 saret laqgħa mal-konsulent inkarigat mill-Kunsill – Dr G. Cordina – li għalija attendew is-Sindku R. Cutajar, il-Kunsillieri J. Azzopardi, P. Cutajar, H. Fenech, J. Azzopardi u J. Buttigieg u s-Segretarju C. Debono. Fl-istess laqgħa ġew identifikati żewġ proġetti li jinvolvu *heritage trails* f'Selmun u ieħor wara Knisja tal-Manikata. Kien hemm qbil li għandhom jsiru laqgħat separata mal-Fundazzjoni Arkeo dwar Selmun u mal-Perit Claude Borg dwar il-Manikata.

2.2.3. Dr G. Cordina għamilha ċara li jkunu meħtieġa jsiru *bill of quantities* minn perit, kif ukoll tliet stimi dwar l-ispejjeż involuti fiż-żewġ każi. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-proposti jeħtieġ li jkunu jinvolvu proprjetà pubblika li ma tkunx ingħatat lill-privat taħt xi titolu jew ieħor, biex jiġu evitati problemi legali aktar 'il quddiem.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Lezzjonijiet fil-lingwa Franċiża u fl-Ewwel Għajnuna (E/3/5)

2.3.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal ittra datata 11 ta' Frar 2009, mibgħuta mill-Alliance Francaise de Malte, fejn għarrfu li lesti jorganizzaw korsijiet fil-lingwa Franċiża fil-lokalita\` billi jagħmlu użu mill-uffiċċju tal-Kunsill bi ħlas.

2.3.3. Huwa għarraf ukoll li għamel kuntatt mas-Saint John's Ambulance Brigade dwar kors fl-ewwel għajnuna, iżda rriżulta li ser isir ieħor simili flimkien mal-Mellieħa Scout Group.

2.3.4. Il-Kunsill innota approva l-azzjoni li qed tittieħed.

### 2.4.1. *Neighbourhood Watch* f'Santa Marija Estate (N/2)

2.4.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għal ittra datata 14 ta' April 2009, mibgħuta mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, fejn talbu li ssir laqgħa miegħu u mal-Pulizija tad-Distrett bil-għan li tibda titħaddem mill-ġdid in-*neighbourhood watch* ġewwa l-estate.

2.4.3. Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tiġi appuntata għal nhar is-Sibt 16 ta' Mejju 2009 fil-11.30am.

### 2.5.1. Agrofest '09 (A/6/3/2/Vol V)

2.5.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal ittra datata 29 ta' April 2009, mibgħuta mill-Forum Żgħażagħ Laburisti Mellieħa fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw l-attivita\` msemmija. Din ser tkun tikkonsisti f'wirja ta' muturi tal-ħart, bhejjem u tjur, kompetizzjoni bi prodotti agrikoli u diskussjoni bit-tema "Il-Futur tal-Biedja, Kaċċa u Sajd f'Malta". L-attivita\` hija proposta li sseħħ nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2009.

2.5.3. Is-Sindku kkummenta li huwa m'għandu ebda oġġezzjoni għall-attivita\` *per se*, iżda fakkar li fl-istess jum ser ikun hemm tellieqa tal-karozzi organizzata mill-Island Car Club li tinvolvi toroq fil-qalba tal-Mellieħa. Kompla jgħid li din faċilment tista' tiġi trasferita għal data oħra, iżda ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ilu għal tnax-il sena jorganizza attivita\` simili, taħt l-isem ta' Festa Biedja. L-edizzjoni ta' l-2008 ġiet inkorporata fl-Iljieli Melleħin, bid-differenza li tneħħa l-element ta' kompetizzjoni, fejn jidħlu prodotti agrikoli.

2.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li meta saru l-Iljieli Melleħin huwa kien imsiefer u għalhekk ma jistax jikkummenta dwar il-mod kif saret il-wirja agrarja fl-2008, iżda ma jkun hemm xejn ħażin jekk il-Forum Żgħażagħ Laburisti jerġa jiddiskuti mill-ġdid il-kontenut ta' l-attivita\` fid-dawl tad-dikussjoni li saret fil-Kunsill.

2.5.5. Is-Sur R. Cutajar qal li min-naħa tal-Kunsill ser jara li, jekk ikun hemm ħtieġa, tiġi trasferita d-data meta ssir it-tellieqa tal-karozzi għall-4 ta' Lulju 2009.

2.5.6. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li ser jerġa jqajjem is-suġġett waqt l-ewwel laqgħa tal-Forum Żgħażagħ Laburisti Mellieħa u ser jiġi lura bi proposti quddiem il-Kunsill.

### 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 08/04/09 - 30/04/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/04/09 – 31/04/09
- *Purchase Request Form* – 30/04/09
- Skeda ta' Stimi dwar Poloz ta' Assikurazzjoni
- Skeda ta' ilmenti - 0146/09 - 0162/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalità – 16/04/09
- Estimi Finanzjarji għas-Sena 2009 - 2010
- Pjan ta' Ħidma għas-Snin 2009 - 2012

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Fondi Speċjali għal Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali (F/1/5)

4.1.2. Saret referenza għal Memo 25/2009 datat 21 ta' April 2009, fejn il-kunsilli lokali ġew mgħarrfa li qed tiġi allokata s-somma ta' €500,000 li ser tkun immirata biex tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet speċjali ta' lokalitajiet. It-talbiet kollha li jsiru ser jiġu evalwati fuq il-merti tagħhom u jingħataw fondi skond kif rakkomandat minn kumitat ta' evalwazzjoni.

4.1.3. Fl-istess memo ntqal li Kunsilli applikanti għandhom jiġġustifikaw it-talba talba tagħhom, filwaqt li jeħtieġ:

(a) jispeċifikaw x'inhi il-ħtieġa speċjali li għaliha jkun qed jitlob il-finanzjament;

(b) jagħti il-ġustifikazzjoni għalfejn tali ħtieġa teħtieġ allokazzjoni addizzjonali;

(c) jehmeż *Balance Sheet* li magħha jkollha stqarrija ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-*commitments* kollha li jkollu l-Kunsill li ma jkunux riflessi fil-*Balance Sheet*; u

(d) jehmeż tabella li turi d-dħul tal-Kunsill fl-aħħar 3 snin li jkun addizzjonali għall-allokazzjoni finanzjarja mogħtija mill-Gvern ċentrali skond l-artikolu 55 tal-Att dwar Kunsilli Lokali.

4.1.4. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba msejsa fuq l-ispejjeż meħtieġa sabiex isir infurzar tal-liġi f'dak li jirrigwarda rimi ta' skart f'postijiet fejn isir il-*camping*, ipparkjar ta' *caravans*, *barbeques* u tipi ta' rikrejazzjoni oħra. Kien hemm qbil ukoll li l-ispejjeż meħtieġa sabiex isir it-tindif regolari fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa u żieda fil-frekwenza tiegħu, għandhom jiġu nklużi fl-applikazzjoni li trid issir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4.1.5. Is-Sur R. Cutajar qal li fit-talba għandu jsir aċċenn fuq in-numru relattivament kbir ta' bajjiet, it-traġitti bejn Malta u Għawdex u t-tniġġiż li dawn jikkawżaw, partikularment fit-toroq ewlenin fil-qalba tal-Mellieħa.

### 4.2.1. Stampar ta' fuljett fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal inizjattiva li ttieħdet mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina flimkien mal-Kunsill biex ġie stampat fuljett fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja f'Settembru 2008.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li l-involviment tiegħu m'għandux ikun iktar minn €250.

### 4.3.1. Okkupazzjoni ta' parti mit-taraġ ta' Triq l-Isqof Pace (P/5/8/2)

4.3.2. Saret referenza għall-applikazzjoni mressqa lill-MEPA – PA 1224/09 – minn John Borg ta' Drifter Car Hire sabiex jifforma taraġ fi Triq l-Isqof Pace, kantuniera ma' Triq Ġorġ Olivier. Dan bil-għan li jkollu aċċess għall-kantina. Il-perit ta' l-applikant għarraf li d-Dipartiment ta' l-Artijiet ta approvazzjoni tiegħu għal dan permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2009 (Ref: L 422/93).

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu joġġezzjoni għal din it-talba għar-raġunijiet segwenti:

(a) it-taraġ propost ser isir fi proprjetà pubblika li diġa ġiet okkupata mill-applikant, bir-riżultat li djieq it-taraġ pubbliku fi Triq l-Isqof Pace;

(b) Skond il-pjanti sottomessi ma' l-applikazzjoni, it-taraġ propost ser jimblokka l-aċċess għal xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, liema xelters qed jiġu amministrati mill-Kunsill Lokali u nfetħu għall-pubbliku b'titolu ta' devoluzzjoni mid-Dipartiment ta' l-Artijiet; u

(c) Kemm-il darba jingħata l-permess biex isir it-taraġ, l-aċċess għax-xelter ser ikun minn proprjetà li ġiet mgħoddija lill-privat.

4.3.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li sid ta' ħanut ieħor – Dainty Boutique – li jinsab fuq in-naħa l-oħra ta' Triq l-Isqof Pace, waħħal *extractor fan* li jiġbed l-arja mill-kantina ta' l-istess ħanut u qed iwaddabha fix-xelter, bil-għan li jkollu ventilazzjoni fl-istess kantina. Kien hemm qbil li l-persuna konċernata għandha tiġi kkuntattjata mill-Kunsillier J. Buttigieg u s-Sur Joseph

De Bono – il-President ta' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, li ġiet fdata mill-Kunsill biex tiftaħ ix-xelter għall-pubbliku.

**4.4.1. Kaċċa ġewwa il-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Bord tal-Park tal-Majjistral aċċetta li fl-istaġun miftuħ, il-kaċċa tal-fniek bix-xibka u n-nemes m'għandhiex tkun risretta fl-ebda ħin. Il-vot dwar il-kaċċa ma tteħidtx fl-aħħar laqgħa tal-Bord.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.5.1. *Speed humps* fi Triq Tas-Salib qrib Misraħ tas-Salib (T/3/2/Vol VIII)**

4.5.2. Is-Sindku għarraf li xi residenti u nies oħra ser jiktbu lill-Kunsill sabiex jiġu introdotti miżuri bil-għan li titnaqqas il-veloċita` tat-traffiku, possibilment billi jsiru *speed humps*.

4.5.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-i*speed humps* jistgħu jibdlu d-direzzjoni ta' l-ilma tax-xita li jinżel bis-saħħa u jispiċċa fuq il-bankini jew jidħol fil-bini.

4.5.4. Wara li ġiet ikkunsidrata proposta sabiex isiru *rumble strips*, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lit-Taqsima għall-Maniġġ tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita` tat-Trasport sabiex isiru *speed humps* fi Triq Tas-Salib kantuniera Misraħ Tas-Salib (fejn il-mera) u fi Triq Salvu Camilleri/Triq Tas-Salib kantuniera ma' Triq ir-Rattan.

**4.6.1. Attività "*Science in the Heart of the Village*" f'Misraħ il-Parroċċa (S/3/1)**

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attivita` imsemmija, li kellha ssir fit-30 ta' April 2009, ġiet imħassra, peress li fl-istess jum kienet għaddejja azzjoni industrijali mill-għalliema.Is-Sindku aċċenna għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li dwar it-talba li qed titħejja bil-għan li jinkisbu fondi taħt iż-żewġ miżuri msemmija, saret laqgħa mal-Perit Claude Borg dwar il-*heritage trail* tal-Manikata, filwaqt li ser issir oħra simili ma' delegazzjoni mill-Fundazzjoni Arkeo dwar dak ta' Selmun.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.7.1. Animal Fest 2009 (A/5/3/Vol X)**

4.7.2. Saret referenza għall-minuta 4.12.1. tas-seduta fejn ġie nnutat li għal din l-attivita` li seħħet nhar il-Ħadd 19 ta' April 2009 kien hemm attendenza numeruża mill-pubbliku kemm dak Mellieħi, kif ukoll minn barra-il barra. L-attivita' kienet ikkordinata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' April 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-8 u t-30 ta' April 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu bejn l-u t-30 ta' April 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi skond il-provedimenti ta' l-Att XV ta' l-1993 u l-Avviż Legali 155 ta` l-istess sena għandu jiġi ppreżentat il-*Budget* u l-*Business Plan* tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Marzu ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduta Nru. 18 tat-23 ta' Marzu 2009, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skond ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2009 / 2010 u l-*Business Plan* għas-snin 2009/2011, skond l-abbozz finali mressaq.". (F/1/20)**

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità li saret fis-16 ta' April 2009, liema minuti qed jiġu mehmuża.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**8.1. Stqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2008 / 2009 (F/1/2/Vol VI)**

8.2. Għall-preżentazzjoni tal-*Financial Statements* li tqassmu qabel is-seduta, attenda l-*Accountant* is-Sur Christian Vella. Huwa qal li kif jidher mir-rapport għas-sena li tagħlaq fil-31 ta` Marzu 2008, kien hemm likwidita` biżżejjed biex tlaħħaq mal-kredituri u l-proġetti tal-Kunsill li diġa huma kommessi. L-istess kredituri kienu jammontaw € 267,604, kontra l-bilanċ ta' € 893,994 miżmuma fil-banek. Fil-fatt l-Indikatur Finanzjarju kien ta' 72% u għalhekk kien hemm likwidità biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li diġa huma kommessi.

8.3. Huwa qal li fis-sena koperta bir-rapport ma' kienx hemm tibdil sinifikanti fid-dħul tal-Kunsill, liema dħul kien jammonta għal € 911,558. Kien hemm ukoll *Deferred Income* li jikkonsisti minn fondi li ġew mgħoddija mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA li ammontaw għal €192,735. Dawn kienu mmirati għal Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata, Ġnejnet l-Emigranti Melleħin u l-*Ġnien u Playing Field* fi Triq il-Miġbħa, Xehda u Għasel.

8.4. Is-Sur C. Vella qal li s-sorsi tad-dħul baqgħu l-istess bħal tas-sena preċedenti għalkemm għall-ewwel darba kien hemm somma ta' €6,000, li minnha kienu għadhom għaddew biss €4,800 mill-Unjoni Ewropea.

8.5. Sar aċċenn li l-ispejjeż fuq attivitajiet kulturali, li rdupjaw fuq tas-sena preċedenti, filwaqt li kien hemm ammont ta' *sponsorships* li rċieva l-Kunsill illi kienu jammontaw għal €16,936.

8.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar kemm huwa korrett li jkun hemm kuntatti min-naħa ta' Kunsill sabiex jinkisbu *sponsorhips* li jilħqu dawn il-figuri. Is-Sur C. Vella qal li m'hemm xejn fil-liġi li jwaqqaf lill-Kunsill milli jagħmel dan, sakemm ikun hemm trasparenza f'dak li jsir u kollox ikun dokumentat.

8.7. Is-Sindku R. Cutajar qal li huwa għandu l-impressjoni li fil-fatt l-ammont ta' *sponsorship* kien iktar mill-figura ta' €16,936 u talab li din tiġi verifikata. Is-Segretarju kkummenta li jista' jkun li fil-*budgets* li tħejjew għall-attivitajiet ewlenin kienu juru somom li huma *committed*, iżda li kien għadhom ma daħlux fil-kotba sal-31 ta' Marzu 2009.

8.8. Is-Sur Vella spjega li n-nefqa fuq it-Tiswijiet u Manutenzjoni kienet baxxa ħafna imqabbla ma' tas-sena preċedenti, iżda kien hemm nefqa kapitali qawwija fuq it-toroq li tlaħħaq kważi €190,000. Intqal ukoll li l-ispejjeż fuq il-konsum ta' l-elettriku u l-ilma żdied sostanzjalment, liema żieda kienet dovuta għaż-żidiet fil-prezzijiet ta' l-elettriku. Żieda oħra fl-infieq kienet fis-Servizzi Informattivi bħala riżultat ta' tibdil li sar fil-magazin "Mill-Qiegħa" u introduzzjoni ta' suppliment miegħu għat-tfal. Kien hemm ukoll il-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Il-Mellieħa – Dati Storiċi"

8.9. Is-Sur Vella aċċenna wkoll għall-introduzzjoni mill-ġdid tad-Debituri Dubjużi (*Doubtful Debtors*) li kien jammontaw €9,424. Ġie spjegat li dawn kienu primarjament multi mhux imħallsa minkejja li ġew deċiżi mit-Tribunal Lokali. Dawn jittrattaw każi li seħħew qabel il-31 ta' Awissu 2002 u għalhekk dovuti lill-Kunsill direttament u mhux lill-Kumitat Konġunt.

8.10. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li kien hemm tlettax-il *item* ta' assi permanenti li għandhom jinqatgħu mir-reġistru, skond lista li ġiet ippreżentata waqt is-seduta. Wara li nqrat il-lista, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

**"Billi ċerti assi permenenti, fil-kategoriji ta' Apparat ta' l-Uffiċċju (Tip Nru. 3) u Apparat tal-Kompjuter (Tip Nru. 10) qdiemu, liema assi ġew identifikati skond il-lista li tidher hawn taħt:**

| Referenza ta` l-Assi Fissi | Dettalji | Valur ta` l-Assi wara d-Diprezzament |
|---|---|---|
| | *Tip Nru. 3 - Apparat ta' l-Ufficcju* | |
| E010 | *Photocopier* | €0.00 |
| E012-013 | Fannijiet | €0.00 |
| E020 | Lampa tal-Gass | €0.00 |
| E021-022 | Fannijiet / *Heaters* ta' l-Elettriku | €0.00 |
| E023 | *Tape Recorder* | €0.00 |
| E024 | Rutella | €0.00 |
| E042 | *Photocopier* - MITA DC 1560 | €111.59 |
| E051 | *Photocopier* - MITA VI 320 | €580.15 |
| E014 | *Camera* Digitali | €169.47 |
| | *Tip Nru. 10 - Apparat tal-Kompjuter* | |
| E001-005 | Kompjuter - 486 NCR | €0.00 |
| E035-037 | Kompjuter - Pentium – Mitac | €12.86 |
| E044 | Kompjuter - NCR *upgrade* | €0.00 |
| E053 | *Monitor* tal-Kompjuter | €33.42 |

-

**Kunsill jirriżolvi li dawn jinqatgħu mill-inventarju skond il-Proceduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b.".**

8.11. Il-mozzjoni għaddiet unanimanent wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

8.12. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni oħra li tgħid:

**"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2008/2009, ġie spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill; u**

**Billi ma kienx hemm punti li baqa` lok ta` aktar diskussjoni dwarhom wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament ta` l-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Marzu 2009;**

**Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istess rapport u jgħadduħ lill-Awditur Ġenerali skond il-Proceduri ta' l-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".**

8.13. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier J.

## 9.1. Dokument ippubblikat mill-Gvern dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali "Biex il-Kunsill Jagħtik l-Aqwa Servizz". (P/7/1/Vol VIII)

9.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' April 2009 mill-kelliemi ta' l-Opposizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali – Dr Stefan Buontempo – sabiex il-Kunsill iressaqlu l-kummenti tiegħu dwar il-kontenut tad-dokument imniedi mill-Prim Ministru "Biex il-Kunsill jagħtik l-Aqwa Servizz".

9.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li huwa għandu numru ta' mistoqsijiet u suġġerimenti x'jagħmel wara li ġie ppubblikat id-dokument imsemmi.

9.4. Is-Sindku R. Cutajar irrimarka li l-konsultazzjoni fil-livelli ta' pubbliku, Kunsilli Lokali u Kabinett diġa saret u għalhekk issa d-diskussjoni għandha titkompla fil-Parlament.

9.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju jagħmel aktar sens jekk isir *lobbying* fuq id-Deputati Parlamentari taż-żewġ partiti politiċi dwar xi tibdil li ġie nkluż, jew li tħalla barra mid-dokument li ġie ppubblikat mill-Gvern.

9.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-24 ta' April 2009, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni – Dr Chris Said - sejjaħ l-ewwel laqgħa għas-Segretarju Eżekuttivi kollha fejn ingħata aktar tagħrif dwar il-punti msemmija fid-dokument imsemmi aktar 'il fuq. Fost l-ispjegazzjonijiet li ngħataw kien hemm dik dwar in-numru ta' l-impjegati fl-uffiċini amministrattivi. L-Onor Said għamilha ċara li l-ingaġġ ta' ħaddiema klerikali b'kuntratt ta' servizz mal-Kunsilli Lokali mhux ser jibqa' permissibbli. Min-naħa l-oħra, l-Kunsill Lokali jista', wara li jagħmel talba ġustifikata li tiġi approvata, jimpjega miegħu ħaddiema fl-uffiċċju aktar mil-limitu li tistabilixxi l-liġi.

9.7. Is-Sindku stqarr li fid-dawl ta' dak illi tħabbar fir-riforma, kif ukoll l-laqgħa msemmija fil-minuta 9.6. aktar 'il fuq, rigward il-ħaddiema klerikali b'kuntratt, huwa qal li jixtieq iġib għall-attenzjoni tal-Kunsill il-preokkupazzjoni tiegħu għal diskors li qed jingħad minn waħda minn dawn l-iskrivani. Huwa qal li l-istess persuna avviċinat diversi nies u qed tingħata l-impressjoni li huwa bħala Sindku jista' jġedded il-kuntratt jew jibdlu għal wieħed ta' impieġ fiss. Is-Sur R. Cutajar qal li din it-tip ta' pressjoni hija nġusta, peress li dawn l-għażliet ma jeżistux. Kompla jgħid li skond il-Memo 29/2008 datat 29 ta' Settembru 2008, il-kuntratt li skada fit-28 ta' Frar 2009 mhux suppost li ġie estiż. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien irrifjuta li dan jiġi mġedded, permezz ta' *e-mail* datat 20 ta' Jannar 2009. Fl-istess *e-mail* kien intqal ukoll li ż-żewġ kuntratti ma jistgħux jigu estiżi, u għalhekk għandha tinħareġ sejħa oħra għall-kuntratt definit ta' sitt xhur. L-istess e-mail ġiet ippreżentata waqt is-seduta. Is-Sur R. Cutajar qal li minkejja dan l-*e-mail*, huwa kien ikkonsulta mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsill Lokali sabiex ma jieħux azzjoni u jimplementa dak li kien mitlub, għaliex dehrlu li wieħed għandu jkun prudenti u jara x'ser ikun hemm fir-riforma.

9.8. Is-Segretarju għarraf illi l-impjegata li qiegħda fi Skala 11 tat indikazzjoni li ser titlob il-*leave* tat-tqala u dak mingħajr ħlas, skond il-ħtieġa. Is-Sur C. Debono kkummenta li dan jikkawża problemi fl-amministrazzjoni ta' l-uffiċċju meta titqies l-esperjenza li għandha din l-impjegata, flimkien mal-waqfien li jrid iseħħ fir-rigward tal-ħaddiema klerikali b'kuntratt ta' servizz. Huwa qal ukoll li kemm-il darba jonqsu dawn il-ħaddiema, il-Kunsill jeħtieġ jimpjega minimu ta' żewġ ħaddiema. Skond l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika l-popolazzjoni tal-lokalità sa Diċembru 2008 kienet tlaħħaq madwar 8,100 u għalhekk skond ma jipprovdi l-Artiklu 53(1) tal-Att dwar Kunsill Lokali (Kap.363), tista' issir talba lill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħrig, sabiex ikunu jistgħu jiġu ntervistati persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol.

9.9. Il-Kunsill iddeċieda li bħala l-ewwel pass għandha ssir talba lill-Korporazzjoni dwar Impiegi u Taħriġ sabiex jgħaddu lista ta' persuni li isimhom jidher fl-Ewwel Parti tar-Reġistru li għandhom il-kwalifiki speċifikati għal impjegat fi Skala 15, stipulati fir-Regolament 14(3)(b)(i) tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għar-raba' impjegat fl-istess skala.

**10.1. Tiġdid tal-Ftehim ta' Koperazzjoni dwar it-Tmexxija Reġjonali ta' l-Infurzar tal-Liġijiet (W/3/Vol X)**

10.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tinżamm pendenti fid-dawl tat-tnaqqis fin-numru ta' Kumitat Konġunti li tħabbar fid-dokument dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali "Biex il-Kunsill Jagħtik l-Aqwa Servizzi". Fl-istess dokument jingħad li għandhom jiġu xolti l-kumitat konġunti kollha u responsabilitajiet tagħhom jgħaddu f'idejn ħames kumitati reġjonali. Is-Sur R. Cutajar għarraf li attenda laqgħa li saret apposta fuq dan is-suġġett.

**11.1. Kuntratt ġdid dwar l-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku Imħallat (K/6/2/Vol V)**

11.2. Is-Segretarju rrefera għall-kuntratt li ġie mgħoddi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa qal li dan il-kuntratt qed jistabilixxi frekwenza minima ta' erba' darbiet fil-ġimgħa sabiex jinġabar l-iskart imħallat.

11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-frekwenza għandha tibqa' ta' sitt darbiet fil-ġimgħa filwaqt li nhar ta' Ħamis isir ukoll il-ġbir ta' l-iskart riċiklabbli.

11.4. Is-Segretarju għarraf li huwa talab kjarifiki lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-*bid/performance bond*, il-Linji Gwida tal-MEPA dwar il-Gbir ta' l-Iskart, u tibdil li huwa possibbli fil-*bill of quantities,* skond il-ħtiġijiet tal-lokalita`.

12.1. **Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)**

12.2. Is-Sindku aċċenna għall-abbozz tal-*bye-laws* imħejji mill-konsulent legali tal-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa kompla l-kuntatti dwar dan is-suġġett mad-Direttur Ġenerali ta' l-Artijiet, fejn intlaħaq qbil li l-*camping* u l-*parking* ta' *caravans* jista' jsir bil-permess tal-Kunsill wara li jinġieb il-kunsens tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-MEPA. Fl-istess laqgħa huwa ġie nfurmat li l-*camping* jista' jiġi pprattikat f'żoni ndikati, fuq siti skedati bħala Natura 2000, filwaqt li għandu jiġi pprojbit f'xatt-il baħar. Għalhekk ikun tajjeb li tiġi mmarkata pjata sabiex tkun tifforma parti mill-*bye-laws* li qed jitħejjew. Il-pjanta għandha tindika l-inħawi ta' l-Irdum tal-Madonna u s-Sdieri.

12.3. Kien hemm qbil li l-istess pjanta għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsillieri sabiex jipproponu t-tibdil li jidhrilhom meħtieġ.

## 13.1. Progress dwar proġetti kapitali.

**- *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira (T/4/13/Vol X)**

13.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 4.10.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kunsill irnexxielu jottjeni estensjoni fil-permess mingħand l-Awtorita` tat-Trasport li bis-saħħa tiegħu qed titwettaq it-tieni fażi tar-*resurfacing* fi Triq il-Kbira. Din l-estensjoni ngħatat sal-21 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill ġie mgħarraf li Triq il-Kbira ser tingħalaq għal kollox biex jitkomplew ix-xogħlijiet fil-11 ta' Mejju 2009. Ir-rotot alternattivi li ser jiġu addottati ġew diskussi ma' l-Awtorita` tat-Trasport u l-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku.

**– *Floodlighting* u tisbiħ tal-Playing Field fi Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

13.3. Is-Sindku ressaq impressjoni artistika dwar kif jista' jiddawwal is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, il-Belveder tas-Sur u l-blat li fuqu mibnija l-Playing Field ta' Triq l-Erwieħ.

13.4. Tressqet ukoll impressjoni artistika li turi t-tneħħija tal-ħajt eżistenti, biex minfloku jsir puġġaman tal-ħadid simili għal dak li hemm fuq il-Beleveder tas-Sur. Huwa ppropona wkoll li ssir tromba li tkun tista' tintuża mill-pubbliku bi ħlas.

**- Proġett dwar Post ta' Rikrejazzjoni fi Triq il-Miġbħa, Għasel u Xeħda (P/4/23)**

13.5. Is-Sindku għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti dwar il-metodu kif għandhom jiġu evalwati l-offerti wara li ngħataw rati ġodda minn tnejn mit-tliet offerti li ġew sottomessi.

**- Park għall-Familja f'Ta' l-Ibraġ (P/4/6/Vol III)**

13.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li tkomplew il-kuntatti bejn il-perit inkarigat mill-proġett u l-MEPA dwar l-inklużjoni ta' faċilitajiet sportivi fit-tieni fażi. Is-Sindku qal li jidher illi l-MEPA approvat il-kunċetti ġodda ntrodotti mill-Kunsill u għalhekk wieħed jittama li l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli.

## 14.1. Programm ta' attivitajiet tal-Kunsill – Mejju / Settembru 2009

14.2. Is-Sindku fakkar li l-attivita` annwali fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (Ref: A/5/3/Vol VIII) ser issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju fis-7.30pm fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. L-item ewlieni f'din l-attivita` ser ikun ir-rakkont ta' l-esperjenzi sbieħ u koroħ li għaddew minnhom numru ta' ommijiet li ser jiġu ntervistati minn Rachel Vella.

14.3. Intqal ukoll li għaddejjin kuntatti mal-Kunsilli Lokali ta' l-Imdina, Valletta, Birgu u Victoria sabiex fid-29 u t-30 ta' Mejju 2009 issir festa ta' ikel Malti, arti, mużika, kultura u storja, liema attivita` qed tissejjeħ "L-Ibliet Lejn il-Majjistral" (Ref: A/5/5/Vol IV). Din ser tittellgħa

bis-sostenn finanzjarju tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Tree For You Campaign, General Soft Drinks, Naturalment Malti u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi.

14.4. Aċċenna wkoll għall-attivita` *"The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression*" (Ref: P/10/2/Vol III), u ppropona li din isseħħ nhar is-Sibt, 20 ta' Ġunju 2009 fi Ġnien il-Qigħan. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll, li kif kien ġie miftiehem f'seduti preċedenti, parti mis-€6,000 li ġew allokati mill-Unjoni Ewropea ser jiġu nvestiti f'*seating* addattat għall-amfiteatru. Il-Kunsill ġie mgħarraf li qed jinġabru stimi sabiex jinxtraw 230 *seat* li ser jitwaħħlu fil-post.

14.5. Ġie propost li s-serje` ta' attivtajiet imsejħa *"Mellieħa Gardens By Night*" (Ref: A/5/3/Vol VIII) organizzati mill-Kunsill fil-*playing fields* u l-ġonna tal-Mellieħa u l-Manikata, jibdew nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2009.

14.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mis-Sindku.

## 15.1. *Wind Farm* fuq is-Sikka l-Bajda (P/5/8/A)

15.1. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-27 ta' April 2009 il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura – l-Onor. George Pullicino – sejjaħ laqgħa ta' informazzjoni mal-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar dwar il-pjanijiet tal-Gvern fuq l-ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa (*renewable sources*). Attendew, fost oħrajn is-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier J. Azzopardi u s-Segretarju C. Debono. Kien hemm ukoll Dr Tonio Sant li huwa espert imqabbad mill-Gvern fuq din il-materja, kif ukoll rappreżentanza mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

15.2. Il-Ministru Pullicino għarraf li l-Gvern huwa kommess li sas-sena 2020, 10% ta' l-enerġija kkunsmata f'Malta tkun ġejja minn *renewable sources*, bħal ma huma r-riħ, ix-xemx u mill-iskart. Dan il-persentaġġ mhux neċessarjament ikun marbut mal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, iżda anke fit-tnaqqis fil-konsum ta' *fuel*. Fin-naqqas ta' dan, il-pajjiż ikollu jaffaċċja multi kbar li jiġu mposti mill-Unjoni Ewropea.

15.3. Dr Tonio Sant spjega li biex jintlaħaq dan il-għan, il-Gvern beħsiebu li jwaqqfu *wind farms* li jikkonsisti f' 19-il turbina fuq firxa ta' ħdax-il kilometru kwadru, fuq is-Sikka l-Bajda, kif ukoll tnejn oħra żgħar fuq l-art. Jirriżulta li s-Sikka l-Bajda huwa l-uniku post fil-Gżejjer Maltin fejn jeżisti baħar fond inqas minn 20 metru. Intqal ukoll li sal-lum għadha ma teżistix teknoloġija li tippermetti li jsiru *wind farms* fuq wiċċ-il baħar. Huwa ppjanat li kull turbina jkollha kapaċità ta' 5 megawatts-il waħda. Dan ser jinvolvi investiment ta' €320 miljun li ser jidħol għalih il-privat. Il-kapaċità totali ser tkun ta' 90 megawatt li hija stmata li tilqa' id-domanda ta' 40,000 dar.

15.4. Kien spjegat li 45% tal-kapaċità ser tkun tista' tiġi assorbita fil-*grid* lokali, filwaqt li l-kumplament ikun jista' jiġi esportat meta' Malta tkun imqabbda mal-*grid* Ewropew. Minkejja li l-istudji għad iridu jsiru, huwa stmat li jkun hemm 28% tal-granet matul sena meta t-turbini jilħqu l-kapaċità massima tagħhom.

15.5. Fl-istess laqgħa ntwera *photomontage* li juru kif ser jidhru t-turbini fuq is-Sikka l-Bajda mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar. Intqal ukoll li l-livell tal-ħoss li jiġġeneraw it-turbini naqas ħafna għar-raġuni li t-teknoloġija avvanzat ħafna, tant li fid-distanza bejn is-Sikka l-Bajda u l-eqreb art dawn mhux ser ikunu jinstemgħu.

15.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. Skema ta' Inizjattivi Sportivi ghall-Kunsilli Lokali 2009 (S/4/2/Vol III)

16.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret mill-Kunsill taħt l-iskema msemmija. Huwa fakkar li t-talba li saret lis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sports kienet tinvolvi apparat tal-*keep fit* sabiex jintuża mill-anzjani residenti fid-Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Kien hemm inklużi wkoll l-attivitajiet sportivi li jittellgħa fl-okkażjoni ta' l-Iljieli Melleħin u l-Festival Sportiv organizzat flimkien mal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur R. Cutajar għarraf li l-kumitat li qed jevalwa t-talbiet talab aktar spjegazzjonijiet dwar it-talbiet u jidher li dik dwar l-appart tal-*keep fit* ma hijiex eliġibbli, filwaqt li t-tnejn l-oħra qed jiġu trattata b'mod favorevoli.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

17.1. **Stedina għal żjara f'Pozzallo fi Sqallija** **(A/5/3/Vol VIII)**

17.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina li saret mill-Comune di Pozzallo sabiex mużiċisti mill-Mellieħa jipparteċipaw f'*Notte Bianca* li ġiet organizzata fl-istess belt bejn it-30 ta' April u t-3 ta' Mejju 2009. Is-Sur Robert Cutajar qal li l-kuntatt miegħu sar fuq bażi personali minn l-impreditur Sqalli Sig. Iemolo wara konoxxenza li huwa għamel in konnessjoni mal-Milied Mellieħi 2008. Billi ma kienx hemm żmien biżżejjed huwa kkuntattja lill-kumitati tal-baned La Vittoria u Imperial, kif ukoll b'mod individwali lil mużiċisti Michael Bonanno, Clifford Borg u Mark Cachia. Sar kuntatt ukoll mal-kumitat ta' l-Art Club 2000 u l-Ladies Craft Circle sabiex jibgħatu żewġ rappreżentanti, kif ukoll il-pitriċi Stephanie Agius. Kull min ġie kkuntattjat minnu ipparteċipa fl-attivita' ta' Pozzallo, bl-eċċezzjoni ta' l-Għaqda Mużikali Imperial u Mark Cachia, li kellhom impenji oħra. L-ispejjeż tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni għamlet tajjeb għamel tajjeb għalihom il-Comune di Pozzallo.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2009. fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**